MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 4

27 ta' Mejju 2008

Minuti tas-Seduta Nru. 4 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju 2008.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-minuta 10.1. **(Ref: P/4/6/Vol III)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tiżdiet minuta 10.4. li tinqara kif ġej:

*"10.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li t-tibdil speċifikat jirrikjedi l-permess tal-MEPA.".*

1.2. Il-Minuti tas-seduta preċedenti ġew approvati u ffirmati bl-emenda mressqa.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Attivitajiet flimkien mal-Mellieħa Netball Team (S/6/Vol III)

2.1.2. Saret referenza għal ittra datata 19 ta' Mejju 2008, mibgħuta mill-Mellieħa Netball Team sabiex jissieħbu mal-Kunsill fl-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet li jsiru matul is-sena.

2.1.3. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li t-tisħib fl-attivitajiet għandu jiġi kkunsidrat kull każ fuq il-merti tiegħu, iżda fi kwalunkwe każ it-total tat-talbiet li jsiru m'għandux jaqbeż €300 f'perjodu ta' sena.

### 2.2.1. *Parking* fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol VIII)

2.2.2. Saret referenza għal talba li mressqa mis-Sur Twanny Galea sabiex tinżebagħ linja safra faċċata ta' Triq il-Kannestru, billi qed ikun diffiċli li vetturi jduru għal Triq Snajjin, mingħajr ma jitilgħu l-bankina, kull meta jkun hemm xi vettura pparkjata.

2.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha żjara fuq il-post qabel tittieħed deċiżjoni.

2.2.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni wkoll li qed ikun hemm problema aktar 'l isfel fi Triq Snajjin, kantuniera ma' Triq il-Ħasira, fejn vetturi kbar tal-kostruzzjoni u l-iscammel qed ikollhom jitilgħu fuq il-bankina biex jimmanuvraw fil-parti tat-triq fejn hemm żewġ liwjiet, minħabba li jkun hemm vetturi pparkjati qrib l-kantuniera t'isfel.

2.2.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rakkomandazzjoni lid-Direttorat għall-Maniġġ tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport, sabiex titwaħħal tabella li tipprojbixxi vetturi kbar milli jidħlu fi Triq Snajjin mid-direzzjoni ta' Triq il-Kbira.

## 2.3.1. Livellar mill-ġdid ta' bankina fi Triq il-Kbira k/m Misraħ tas-Salib (T/4/10) (T/3/3/Vol III)

2.3.2. Saret riferenza għal talba datata 21 ta' Mejju 2008 li saret mill-Perit Joseph Attard f'isem l-operaturi ta' Crosskeys Bar & Restaurant, sabiex itarrġu l-bankina ta' quddiem ir-ristorant fuq żewġ livelli n-naħa Triq il-Kbira, filwaqt li jitħalla passaġġ ta' 1.5m jdur mal-kurduna tal-*built-out*. Fit-talba tiegħu, l-applikant qal li kif inhu l-livell tal-bankina bħalissa, l-imwejjed u s-siġġijiet jiġu mmejlin u jdejjqu lill-klijenti tagħhom.

2.3.3. Is-Sindku rrefera wkoll għal applikazzjoni (PA 6221/05) li saret minn żewġ operaturi ta' bar u ristorant, sabiex titwessa` il-bankina quddiem 260, 262, u 264 Triq il-Kbira. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa favur li stabbilimenti bħal dawn jingħataw faċilitajiet sabiex jpoġġu mwejjed u siġġijiet fuq il-bankini. Kompla jgħid illi huwa minnu li dan ser inaqqas l-ispazju għall-*parking* u għalhekk ippropona li fi Triq il-Kbira, bejn Triq in-Nases u Misraħ tas-Salib, il-*parking* jiġi limitat għal nofs siegħa matul il-ħinijiet matul il-jum. Vetturi tal-ħaddiema li jaħdmu fl-istess negozji jkunu jistgħu jipparkjaw fil-parkeġġ li hemm fi Triq il-Kbira, bejn Triq in-Nases u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, kif ukoll fi Triq ix-Xagħra ta' Barra.

2.3.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li f'dawn it-tip ta' talbiet wieħed għandu joqgħod attent li l-klijenti ta' l-istabbilimenti ma jingħatawx preċedenza fuq il-*pedestrians*. Huwa fakkar li fil-każ tal-Crosskeys Bar & Restaurant, il-Kunsill preċedenti kien qabel li l-imwejjed jinżammu qrib il-ħajt sabiex jitħalla passaġġ liberu għall-*pedestrians*.

2.3.5. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li l-bankina faċilment tista' tittarraġ fuq ġewwa, sakemm issir xi forma ta' demarkazzjoni bejn l-parti okkupata mill-imwejjed u l-passaġġ pedonali.

2.3.6. Wara aktar diskussjoni l-Kunsill qabel l-perit inkarigat minn din it-talba għandu jissottometti pjanta li turi l-imwejjed biswit il-ħajt tar-ristorant b'passaġġ pedonali fuq in-naħa ta' barra tal-bankina.

## 2.4.1. *Parking* fi Triq il-Mitħna l-Ġdida (T/3/2/Vol VIII)

2.4.2. Sar aċċenn għal ittra datata 27 ta' Mejju 2008, mibgħuta mis-Sur Albert Spanpinato li ilmenta illi qed ikollu problema biex jidħol u joħroġ mill-garaxx tiegħu minħabba vetturi pparkjati quddiemu, partikularment fil-ħin li jkun miftuħ l-uffiċċju tal-Kunsill, jew kull meta jkun hemm sessjonijiet tat-*training* jew l-logħob tal-Mellieħa Sports Club.

2.4.3. Minħabba pparkjar ħażin li qed isir fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, bejn Triq Sant' Anna u Triq l-Isqof Pace, kien hemm qbil li għandhom jinżebgħu l-*parking bays*. Ġie deċiż ukoll li d-distanża li titħalla mill-ewwel *parking bay* qrib il-kantuniera ma' Triq Sant' Anna, għandha tkun iżjed minn ħames metri, peress li meta jkun hemm ipparkjati vetturi kbar, is-sewwieqa ma jkunux jistgħu jaraw it-traffiku tielgħa fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, b'tali mod li dan qed jikkawza l-kolliżjonijiet.

## 2.5.1. Sejħa għall-offerti Nru. 12/2007 – Sistema ta' Ventilazzjoni għas-Sala tal-Komunità (S/3/7/Vol III)

2.5.2. Is-Segretarju għarraf li r-rapport finali ta' l-Inġiniera Galea Curmi Consultants dwar l-installazzjoni tas-Sistema ta' Ventilazzjoni għas-Sala ta' l-Iskola, ġie mgħoddi lill-Kunsill. Is-Sur Debono qal ukoll li l-kjarifiki kollha mitluba mill-inġinier issa ġew imwieġba mill-uniku offerent li wieġeb għas-sejħa.

2.5.3. Il-Kunsill iddeċieda li din l-offerta għandha tiġi studjata mit-*Tender Adjudication Board*.

## 2.6.1. Tlielaq tal-karozzi fil-Manikata u Triq il-Mellieħa (A/6/3/2/Vol III)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni datata 9 ta' Mejju 2008, li saret mill-Island Car Club, sabiex jorganizzaw *hillclimb* li l-korsa tagħha tinkludi fost oħrajn it-toroq ewlenin tal-Manikata. Huwa qal li dan l-avveniment kien ser isir fis-7 ta' Ġunju 2008, iżda l-permess ġie miżmum fl-interess tar-residenti tal-Manikata, partikularment f'dak li jirriġwarda sigurtà, kif ukoll it-traffiku u s-serviz tal-karozzi tal-linja. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li flimkien

mal-magazin “Mill-Qiegħa” intbagħtet ittra lin-nies tal-Manikata sabiex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar din il-materja qabel jiġu kkunsidrati l-ħruġ ta’ permessi simili aktar ‘l quddiem.

2.6.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 2.7.1. Premju għall-Isportiv u l-Uffiċjal tas-Sena (S/4/4)

2.7.2. Is-Sindku għarraf li saret laqgħa li flimkien miegħu attenda għaliha l-Kunsillier H. Fenech, ma’ l-għaqdiet sportivi tal-Mellieħa. F’din il-laqgħa ġew diskussi l-kriterji ewlenin li ser jiġu applikati mill-ġurija. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li s-SEDQA ser jisponsorjaw wieħed mill-premjijiet. Huwa ppropona li tnejn mill-premjijiet jissemmew għall-żewġ atleti Mellieħin li mietu f’eta` żgħira – Jonathan Abela u Adrian Bartolo. Dwar il-ġurija, is-Sindku ssuġġerixxa li din tkun komposta minn ġurnalisti sportivi ġejjin mix-xandir u l-istampa.

2.7.3. Is-Sur J. Azzopardi talab li l-abbozz tal-kriterji jiġi mgħoddi lill-kunsillieri kollha sabiex il-kunsill kollu jkollu l-opportunita` jiddiskutihom. Dan sabiex jiġi żgurat li dawn ma jkunux b’xi mod simili għal dawk applikabbli fil-każ ta’ l-onorefiċenzi Ġieħ u Rikonoxximent il-Mellieħa, u b’hekk tiġi evitata duplikazzjoni.

2.7.4. Il-Kunsill qabel li jkompli jiddiskuti dan is-suġġett fis-seduta li jmiss.

## 2.8.1. Eżerċizzju ta’ riforma fil-kunsilli lokali (K/1/8/Vol II)

2.8.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 19 ta’ Mejju 2008 fejn is-Sindki, il-Viċi-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi ġew mistiedna jattendu seminar fit-23 ta’ Mejju, fil-Berġa ta’ Kastilja. Fl-istess seminar, il-Prim Ministru ħabbar li fis-sitt xhur li ġejjin ser ikun għaddej proċess ta’ konsultazzjoni dwar ir-riformi meħtieġa fil-qasam tal-kunsilli lokali.

2.8.3. Il-Kunsill innota din l-inizjattiva.

## 2.9.1. Qlib ta' l-ilma tax-xita fi Triq Toni Pace (T/4/13/Vol VIII)

2.9.2. Is-Sur R. Cutajar rrefera għal ittra datata 14 ta’ Mejju 2008, mibgħuta mill-Avukat Joanne Vella Cuschieri dwar l-ilment li qed jagħmel is-Sur James Gouder sabiex jinbidel il-livell tat-Triq Toni Pace quddiem u qrib il-garaxx li għandu taħt id-dar tiegħu f’Nru. 61, bil-għan li ma jidħolx ilma fih meta tagħmel ix-xita. Is-Sindku kkummenta li huwa urtat ferm bit-ton li nkitbet l-ittra ta’ Dr Vella Cuschieri għaliex b’mod ċar qed tgħid x’għandu jagħmel il-Kunsill biex jaġevola l-klijent tagħha, filwaqt li qed tinjora għal kollox l-interessi tal-ġirien u tal-pubbliku in ġenerali. Is-Sindku kompla jgħid li s-Sur Gouder qajjem l-ilment tiegħu ma’ l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u għalhekk qed jitfassal rapport sabiex jiġu stabbiliti l-alternattivi possibbli, bl-eskużjoni tal-bdil fil-livelli eżistenti tat-triq. Mill-pariri li ttieħdu jidher li għalkemm m’hemm xejn ħażin fil-livell tat-triq, jista’ jsir kanal biex żgur ma jitlax il-livell ta’ l-ilma tax-xita fil-parti tat-triq in kwistjoni.

2.9.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li huwa qed jieħu gost bil-posizzjoni li addotta s-Sitt Kunsill, għar-raġuni li ma kien hemm bdil fil-livelli tat-triq. Il-problema kienet hemm qabel u tista’ faċilment tiġi evitata billi d-*dropper kerb* togħla b’pulżier jew tnejn, kif normalment isir f’ċirkostanzi simili. Is-Sur Buttigieg tenna li xhieda illi ma nbidlux il-livelli hija l-bankina mal-ġenb ta’ Ġnien Dun Anton Debono u l-katusi li jieħdu l-ilma tax-xita ħerġin mid-djar kollha li hemm fi Triq Toni Pace. Il-possibiltà li jsir kanal ta’ l-ilma tax-xita ma’ kinitx aċċettabbli għas-Sur Gouder, peress li allega illi dan ma jkunx biżżejjed partikularment f’każ li ma jitnaddafx regolarment. Is-Sur Buttigieg fakkar li saru road humps fil-bidu ta’ Triq Toni Pace u Triq Antonio Falzon biex ma jiġix ilma minn toroq oħra fi Triq Toni Pace.

2.9.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi u l-ispjegazzjonijiet li ngħataw dwar dan il-każ.

## 2.10.1. Konsultazzjoni bi thejjija ta' *Pre-Budget Document* 2009 (F/3/Vol X)

2.10.2. Il-Viċi-Sindku E. Bartolo rrefera għal ittra datata 12 ta’ Mejju 2008, mibgħuta mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, fejn il-kunsilli lokali ġew mistiedna jipparteċipaw f’laqgħa ta’ konsultazzjoni bit-tħejjija għall-baġit tal-Gvern Ċentrali għall-2009. Huwa attenda għal din il-laqgħa li saret f’Dar il-Mediterran għall-Konferenzi Valletta fit-12 ta’ Mejju 2008.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 01/05/08 – 20/05/08
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 02/04/08 – 06/05/08
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 07/05/08 – 19/05/08
- *Purchase Request Form* – 20/05/08
- Skeda ta` ilmenti - 0236/08 – 0277/08
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Sotto-Kumitat Affarijiet Rurali, Ambjent u Wirt Storiku – 15/05/08
- Minuti – Sotto-Kumitat Affarijiet Rurali, Ambjent u Wirt Storiku – 20/05/08

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Tkomplija tat-Tieni Fażi tal-Proġett f'Ta' l-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u qal li saret żjara fuq il-post fejn twettqet l-ewwel fażi tal-proġett ta' l-Ibraġ, flimkien ma' uffiċjal mill-Environment Landscapes Consortium Ltd. Dan sabiex jingħata parir dwar kif dan il-post għandu jiġi ndukrat. Sabiex ma jitħalliex jikber il-ħaxix, filwaqt li ma jkunx hemm ħtieġa ta' ħafna tisqijja, ġie rakkomandat li jsir *weed mat*. Ħarruba li qed tikber fejn wieħed mill-passaġġ wkoll għandha tiġi kkontrollata b'xi mod sabiex ma' tagħmilx ħsara aktar 'il quddiem.

4.1.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li dan kellu jkun proġett, sa mit-tfassil tiegħu, kellu jkun wieħed purament ta' afforestazzjoni sabiex ma jkunx jeħtieġ daqshekk attenzjoni wara li jintrawmu s-siġar li tħawwlu fih.

4.1.4. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li ser issir laqgħa ma' uffiċjal tal-MEPA u l-periti M.P. & D.C. Ltd sabiex jingħata parir dwar kif tista' tiġi mplimentata t-tieni fażi tal-proġett bl-inklużjoni tal-ġiebja u faċilitajiet oħra li tibbenefika minnhom il-komunità.

### 4.2.1. Attivitajiet tal-Mellieħa Scout Group (S/6/Vol III)

4.2.2. Saret referenza għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti fejn kien ġie osservat li l-Iscouts kienu għadhom ma waħlux fil-post twieqi ta' l-injam ġodda li kienu saru bi spejjeż ta' Kunsill. Is-Sindku qal li huwa qajjem dan il-punt mal-Mellieħa Scout Group, li minn naħa tagħhom wieġbu permezz ta' ittra datata 24 ta' Mejju 2008 fejn qalu li t-twieqi ma' twaħħlux billi l-bini għandu ħsara strutturali u jeħtieġ li jsiru tiswijiet fih qabel dawn jitwaħħlu fil-post.

4.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.3.1. Ħarġa 34 tal-magazin "Mill-Qiegħa" (P/3/2/Vol IV)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li t-tqassim tal-magazin fil-Manikata għandu jsir permezz ta' Thirteen Distributions Ltd (3D), sabiex jitnaqqas ix-xogħol għas-Segretarjat u jonqsu l-ispejjeż.

4.3.3. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-magazin jingħata lil xi ditta tal-pubblikazzjoni li tkun responsabbli għas-*typesetting*, il-*layout*, l-istampar u r-reklamar tal-magazin. Huwa qal li b'dan il-metodu, il-Kunsill ikun jista' jelimina l-ispejjeż ta' l-istampar u d-distribuzzjoni.

4.3.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li b'dan il-modd, għandu jiġi aċċertat li l-Kunsill jibqalu kontroll sħiħ fuq il-materjal li jiġi pubblikat.

4.3.5. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb aktar tagħrif dwar l-arranġamenti proposti.

### 4.4.1. Attività fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol VIII)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u qal li kien hemm attendenza tajba ta' madwar 150 ruħ għall-attivita` msemmija, li saret fid-9 ta' Mejju 2008. Attivita` oħra fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm seħħet nhar il-Ħadd 10 ta' Mejju 2008 fid-Dar il-Madonna tal-Mellieħa fejn l-anzjani residenti ġew ippreżentati frott mill-kunsillieri preżenti.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat nota ta' ringrazzjament lis-Sinjuri Eileen Montesin, Analiza Vella u lill-Grupp Simar flimkien mas-Sinjura Marisa Sammut, li pprovdew il-mużika u kantaw waqt il-preżentazzjoni tal-frott fid-Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

### 4.5.1. *Mobile telephony antennas* fiż-żona tal-Kortin (P/5/8/C)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 19.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li xi residenti miż-żona tal-Kortin kitbu lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar dan is-suġġett, li minn naħa tagħhom għaddew l-ilmenti li saru lill-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni sabiex tagħti l-opinjoni tagħha, wara li tagħmel testijiet għat-tieni darba fl-istess żona. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għal kawża li saret fil-Qorti mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija dwar it-twaħħil ta' *mobile telephony antenna* f'dak ir-raħal. Huwa kkummenta li l-Kunsill għandu jittratta din il-problema permezz ta' l-awtoritajiet konċernati u mhux jittieħdu passi legali kif sar fil-każ tax-Xewkija.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li r-residenti għandhom jiġu nfurmati bl-azzjonijiet li ttieħdet sa issa mill-awtoritajiet ċentrali.

### 4.6.1. Korsijiet tal-Kompjuter (E/3/1/9/Vol II)

4.6.2. Saret referenza għall-minuta 23.1. tas-seduta preċedenti dwar is-suġġett t'hawn fuq. Is-Sindku għarraf li fis-7 ta' Mejju 2008 saret laqgħa għal dawk illi applikaw għall-korsijiet tal-kompjuter, flimkien ma' TCTC Ltd. Fl-istess laqgħa tħabbar li l-korsijiet ta' l-*ECDL* u dawk ta' l-*Adult Beginners* ser jingħataw bi prezz imnaqqas ta' €25, għal darba biss.

4.6.3. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li qed isiru tħejjijiet sabiex jibda kors ieħor imsejjaħ *e-Tfal* li ser ikun miftuħ għal dawk li ser jattendu AvventuraSajf, kif ukoll fl-uffiċċju tal-Kunsill għal dawk li jixtiequ jattendu l-kors biss. Huwa rrakkomanda li l-prezz fil-każ ta' l-aħħar ikun ta' €15. Biex isir dan il-kors, TCTC Ltd jitolbu ħlas ta' €1,106.45 li jkunu jistgħu jattendu għalih massimu ta' 150 student.

4.6.4. Il-Kunsill approva l-arranġamenti msemmija.

### 4.7.1. Park Nazzjonali Ta' Natura u Storja fil-Majjistral (A/4/10)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 25.1. tas-seduta preċedenti. Huwa għarraf li fit-13 ta' Mejju 2008 ġiet organizzata għall-pubbliku mill-Ministru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, li attendew għaliha s-Sinjuri Albert Mamo mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Chris Attard mill-MEPA, Dr Rudolphe Ragonese mill-Fundazzjoni GAIA, Mark Mifsud mill-Ministeru u Petra Bianchi Segretarja tal-Bord tat-Tmexxija. Mill-istess laqgħa dawk preżenti ġew mgħarrfa li l-aċċess bil-vetturi għal bdiewa u s-sajjieda ser jibqa', filwaqt li l-pubbliku in ġenerali jkun jista' jidħol biss bir-riġel. Is-Sur R. Cutajar tenna li huwa kompla jagħmel pressjoni sabiex il-Kunsill Lokali jkun rappreżentat fuq il-Bord tat-Tmexxija.

4.7.3. Is-Sur Cutajar qal ukoll li ir-rappreżentanti tal-Fundazzjoni GAIA u l-Għaqda Din l-Art Ħelwa, preżenti fil-laqgħa, ikkontendew illi minn riċerki li saru, jirriżulta li m'hemmx titolu fuq it-Torri taċ-Ċantar u fuq razzett ieħor qrib Għajn Tuffieħa. Uħud minn dawk preżenti ċaħdu dan bil-qawwa u qalu li għandhom dokumenti li jixħdu bil-kontra. Is-Sindku qal li filwaqt li mhux magħruf fuqiex saru r-riċerki minn naħa ta' l-N.G.O.'s, iħoss li l-Kunsill għandu jappoġġja lil minn għandhom titoli fuq l-artijiet u l-bini ta' Għajn Żnuber, liema titoli huwa dokumenti permezz ta' kuntratti notarili.

4.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.8.1. Stampar ta' materjal dwar l-istorja tal-Mellieħa għat-tfal (P/3/2/Vol IV)

4.8.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-minuta 4.8 tas-seduta preċedenti u għarraf li s-sotto-Kumitat Edukazzjoni kompla jiddiskuti dan il-proġett u qed jirrakkomanda li minflok ktieb, il-materjal stampat ikun forma ta' faxxikolu li jitqassam mal-magazin Mill-Qiegħa

4.8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li wieħed irid joqgħod attent x'tipa tintuża fl-istampar sabiex tħajjar aktar lit-tfal jaqraw il-faxxikolu. Huwa ppropona wkoll li dan jingħata l-isem "Mill-Qiegħa għalikom it-Tfal"

4.8.4. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 20 ta' Mejju 2008.

5.3. Il-Kunsill approva l-*items* kollha elenkati fl-iskeda. Għalhekk, is-Segretarju ntalab sabiex jibgħat il-*Purchase Orders* relattivi.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-1 u l-20 ta' Mejju 2008.

6.3. Tressqu wkoll żewġ skedi ta' infieq permezz tal-*petty cash* li jkopru bejn it-2 ta' April u s-6 ta' Mejju u oħra bejn is-7 u d-19 ta' Mejju 2008.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut tat-tliet skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

## 7.1. Sejħiet għall-offerti (D/3/1/Vol IV)

7.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-kuntratti rigward (a) il-Provista ta' Konkos u (b) *Dense Coat Mixes* skadew f'Diċembru 2007. Huwa spjega li dan il-materjal ikun meħtieġ sabiex issir manutenzjoni fit-toroq mill-ħaddiema tat-Taqsima tax-Xogħlijiet.

7.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ taż-żewġ sejħiet għall-offerti.

## 8.1. Xogħlijiet addizzjonali għall-proġett ta' Tisbiħ bejn Triq il-Kbira u Triq l-Għoljiet (P/4/11)

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi ngħata parir sabiex, bħala parti mill-proġett ta' tisbiħ li qed jitwettaq fil-post imsemmi, għandha ssir ġiebja li tirċievi parti mill-ilma ta' Triq l-Għoljiet u hekk ikun hemm sors ta' ilma għat-tisqija tas-*soft areas* fuq il-post stess. Intqal ukoll li l-kuntrattur intalab stima ta' dan ix-xogħol addizzjonali li tammonta € 9,140.58 (Lm3,924.25). L-istess stima ġiet mgħoddija wkoll lil periti fdati bil-proġett – M.P. & D.C. Ltd.

8.3. Is-Segretarju fakkar li dan il-proġett qed jiġi ffinanzjat permezz tal-Fondi għat-Titjib Urban tal-MEPA. L-ewwel *tranche* li tammonta għal € 25,050 (Lm10,076) diġa ġiet mgħoddija, skond kif stipulat fil-ftehim.

8.4. Il-Kunsill approva din il-varjazzjoni minħabba l-utilità tagħha, wara li l-istima tiġi verifika mill-periti responsabbli.

## 9.1. Attivitajiet tal-Kunsill - Ġunju / Awissu 2008 (A/5/5/Vol IV)(A/5/3/Vol IV)

9.2. Il-Kunsillieri J. Azzopardi rrefera għall-edizzjoni li jmiss ta' Jum l-Ambjent li ser issir fis-7 ta' Ġunju 2008 f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa mis-7.00pm 'il quddiem.

9.3. Huwa qal li l-pjazza ser tintuża biex tittellgħa wirja li tinvolvi metodi varji li jisfruttaw enerġija alternattiva, bħalma huma vetturi jaħdmu bil-batteriji, *hybrid cars*, pannelli fotovoltaiċi eċċ. Ser issir kompetizzjoni għat-tfal li jiġbru l-akbar ammont ta' plastik. Dan billi jinġieb miżien misluf mill-WasteServ Malta Ltd. Green Supplies Ltd ser iqassmu qsari bit-terriċju u żerriegħa sabiex tinżergħa fihom, waqt l-attività. Is-Sur Azzopardi kompla jgħid illi rappreżentanti mid-ditta *Walk With Nature* ser juru sensiela ta' prodotti kosmetiċi, magħmulin minn elementi organiċi, li minn naħa tagħhom ser jisponsorjaw it-trofej fil-kompetizzjoni għat-tfal, imsemmija aktar `il fuq. Ser ikun hemm ukoll *stand* imtellgħa mill-Environment Landscapes Consortium Ltd, li minnu ser jitqassmu żrieragħ fil-kaxxi lill-pubbliku preżenti. Il-Koperattiva Rurali tal-Manikata ser tipprovdi ikel tipikament Malti.

9.4. Is-Sindku ppropona li l-attività li ser tittellgħa fit-13 ta' Ġunju 2008 mis-Società Filarmonica La Vittoria bis-saħħa tal-ftehim ta' koperazzjoni li sar mal-Kunsill, issir fil-parkeġġ ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Is-serata ser issir f'ġieħ Joe Catania u għalhekk ġie ssuġġerit li l-immaġini tiegħu, flimkien mar-ritratt li jinsab fuq il-qoxra tal-ktieb "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien" jiġu proġettati fuq il-faċċata tad-Dar.

9.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li bi ftehim ma' l-għaqdiet mużikali ġie stabbilit li l-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ issir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju 2008.

9.6. Is-Sindku għarraf li qed jiġu organizzati tliet attivitajiet mużikali fuq bażi nazzjonali, b'riżq il-Puttinu Cares Fund. It-tliet attivitajiet ser ikunu mmirati għall-etajiet differenti. Dak indirizzat liż-żgħażagħ ser ikun fit-18 ta' Lulju 2008 u mistenni li jiġbed udjenza ta' 15,000 ruħ, filwaqt li jiġi trasmess fuq wieħed mill-istazzjonijiet tat-televiżjoni. Bħala postijiet, l-organizzaturi kkunsidraw Misraħ il-Parroċċa, Triq Qasam Barrani u Triq Lewis Wettinger. Ta' l-aħħar jidher li huwa l-aktar post addattat.

9.7. Is-Sur R. Cutajar qal li l-għażla tal-Mellieħa għandha sservi biex il-lokalità tingħata aktar pubbliċità, kif ukoll biex *bands* lokali jkollhom l-opportunità jieħdu sehem mat-*tribute bands* li ser jiġu mistiedna minn barra minn Malta. Is-sehem tal-Kunsill f'din l-attività huwa l-armar tal-palk li jirrikjedi spiża ta' madwar €5,000. Din l-ispiża tista' tiġi koperta permezz ta' *sponsorship* mil-lukandi, il-banek kummerċjali, kif ukoll mill-barijiet li ser jintramaw għall-okkażjoni.

9.8. Il-Kunsill innota l-kuntatti li saru u qabel li jipparteċipa f'din l-iniżjattiva.

## 10.1. Ħtiġijiet marbuta ma' ġonna u *soft areas* (P/4/22/Vol II)(P/4/20/Vol III)(K/6/4/1)

10.2. Is-Sur R. Cutajar qal li fil-kuntatti li kien hemm ma' l-Environment Landscapes Consortium Ltd ingħataw pariri f'dak li jirrigwarda l-postijiet li jidhru hawn taħt:

- Aktar uniformità fil-pjanti li hemm imħawla fis-*soft areas* li saru fi Triq il-Kbira u possibilment jitħawwlu oħrajn bħal dawk li hemm madwar ir-*roundabout* ta' Selmun;
- Ħtieġa li ssir ġiebja fil-Ġnien tas-Salib sabiex dan il-post ikun jista' jissaqqa matul is-sena kollha billi jinġabar l-ilma tax-xita li jinżel fit-toroq tal-madwar. Il-ġebel li hemm madwar il-kanun għandu jitneħħa peress li qed jiġi abbużat mill-vandali;
- Titħaffer ġiebja fil-parkeġġ li hemm fit-trejqa li tgħaqqad Triq il-Mitħna l-Ġdida ma' Triq Qasam Barrani sabiex tissaqqa s-*soft area* eżistenti, kif ukoll ir-*roundabout* u t-*traffic island* li forsi aktar 'il quddiem jsiru bil-ħamrija.

10.3. Il-Kunsill innota u approva l-proposti li ġew rakkomandati.

## 11.1. Kampanja Ktieb Teżor (L/4/Vol II)

11.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li għat-tieni sena konsekuttiva, il-Kunsill ġie mistieden jibbenefika mill-Kampanja Ktieb Teżor imnedija minn Merlin Libraries Ltd. Permezz tagħha tfal fl-età tal-kindergarten jingħataw numru ta' kotba bil-għan li jitħajru jaqraw minn età żgħira. Huwa qal li l-prezz ta' kull pakkett ser ikun ta' €4.66 u huwa propost li dawn jitqassmu lit-tfal ta' l-ewwel klassi tal-kindergarten li jattendu fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

11.3. Is-Sindku ppropona li l-preżentazzjoni tal-kotba ssir fis-16 ta' Ġunju 2008 fl-10.00 ta' filgħodu fi Ġnien il-Qiegħan, fejn ser jittellgħa programm qasir.

11.4. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

## 12.1. *Parking* quddiem *Fairways Booking Office* fi Triq Gorg Borg Olivier (T/3/3/1)

12.2. Il-Viċi Sindku aċċenna li l-operatur tal-negozju msemmi, permezz ta' l-Ombudsman, reġa qajjem it-talba tiegħu sabiex tiġi mneħħija l-*area* riżervata għall-persuni b'diżabilità mill-pjazzetta li hemm quddiem l-istess ħanut. Is-Sur Bartolo qal li m'hemmx post aktar addattat għal din il-faċilità u għalhekk għandha tibqa' fejn tinsab llum.

12.3. Is-Sindku qal li minħabba ż-żmien limitat mogħti, huwa diġa ta t-tweġiba tiegħu lill-Ombudsman billi ta l-isfond dwar dan il-każ, fejn għamel referenza għall-bankina li saret mingħajr il-permess tad-Dipartiment ta' l-Artijiet u l-Kunsill. Fit-tweġiba ntqal ukoll li ż-żewġ postijiet riżervati għall-persuni b'diżabilità ġew imnaqqsa għall-wieħed fuq talba tat-Taqsima għall-Immaniġġjar tat-Traffiku (ADT) fuq il-premessa li vettura mgħammra b'rampa għall-*wheelchairs* tirrikjedi aktar spażju. Is-Sur Cutajar qal li fit-tweġiba tiegħu huwa sostna l-posizzjoni oriġinali tal-Kunsill.

12.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 13.1. Emanzipar Seminar (A/2/Vol X)

13.2. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf lill-Kunsill illi fis-17 ta' Mejju 2000 huwa attenda s-seminar imsemmi fl-Excelsoir Hotel fil-Floriana. Dan kien jittratta l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja ċivili, partikularment fil-politika. Huwa qal li kien hemm preżentazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv ta' Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Jimmy Magro, dwar dan l-aspett. Is-Sur Marco Spiteri għamel preżentazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Dehra ġdida għas-sit eletroniku tal-Kunsill (I/1/3/Vol IV)

14.2. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li huwa ġabar stima oħra dwar it-tiġdid li jeħtieġ isir fis-sit eletroniku tal-Kunsill mingħand Abakus Solutions. Dawn ikkwotaw il-prezz ta' €1,373.52 (Lm 589.65) sabiex jiżviluppaw sit elettroniku b'disa' *modules*, li ġew identifikati fl-istima sottomessa waqt is-seduta. Minn naħa l-oħra l-*host* attwali – Liquid Studios – ikwotaw is-somma ta' €2,061.46 (Lm885), waqt li għal *maintenance* u s-*support* talbu €962 (Lm413) fis-sena.

14.3. Filwaqt li Abakus Solutions ikkwotaw rata favorevoli, minn naħa l-oħra ġie nnutat li ma kkwotawx l-ispejjeż tal-*maintenance* u s-*support*. Għalkemm ġie deċiż li jitkomplew il-kuntatti ma' Abakus Solutions, kien hemm qbil li għandha tiġi ċċarata l-ispiża annwali fuq dan is-servizz.

## 15.1. Tisħiħ tas-Segretarjat tal-Kunsill (P/7/1/Vol VIII)

15.2. Is-Sindku għarraf li matul ix-xhur tas-sajf 2008 ser ikun hemm żewġ studenti universitarji li ser jgħinu lis-Segretarjat fix-xogħol tiegħu, bħalma huwa *filing, typing* eċċ. Is-Sur Cutajar għamilha ċara li dan is-servizz ser jingħata b'mod volontarju u mhux ser jinvolvi ebda ħlas.

15.3. Is-Sur R. Cutajar qal u li bħala Sindku huwa jixtieq itejjeb ir-relazzjonijiet pubbliċi tal-Kunsill b'aġġornar regolari tas-sit eletroniku, tħejjija ta' *posters*, stqarrijiet għall-istampa u tweġib ta' mistoqsijiet li jsiru mill-pubbliku dwar l-operat tiegħu u dak kollu li jolqot il-lokalità. Għalhekk huwa jixtieq li jibda proċess mal-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u t-Taħriġ sabiex jimtela' l-post battal ħalli jiġi mpjegat uffiċjal ieħor li jkun addattat għal din il-funzjoni.

15.4. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta li għandu jsir użu mir-riżorsi umani li għandu l-Kunsill fil-mument, sabiex jiġu ffrankati l-ispejjeż. Huwa jemmen li ż-żewġ skrivani, illi jaħdmu fuq bażi ta' kuntratt jistgħu jiddaħħlu għax-xogħol kuljum biex iwieġbu l-mistoqsijiet tal-pubbliku. Huwa nfurmat ukoll li l-impjegat ta' l-I.P.S. Ltd huwa ntiż fit-tħaddim tal-kompjuter u għalhekk kapaċi jaqdi l-funżjoni deskritta mis-Sindku, kemm-il darba huwa jingħata l-opportunità.

15.5. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li għandu jiġi avviċinat l-impjegat ta' l-I.P.S. Ltd dwar il-possibiltà li huwa jingħata l-inkarigu li jaġġorna s-sitt eletroniku tal-Kunsill.

## 16.1. *Caravans* qrib il-kosta (C/4/Vol III)

16.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm *caravans* li jokkupaw toroq pubbliċi u parkeġġi viċin il-kosta, li wħud minnhom tħallew hemm b'mod permanenti. Huwa appella sabiex tittieħed azzjoni.

16.3. Is-Sindku wieġeb li dan is-suġġett ser jiġi trattat waqt laqgħa li hija ppjanata mas-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi, l-Ekonomija u Investimenti, illi huwa responsabbli mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

**17.1. AvventuraSajf 2008 (E/3/4/Vol VIII)**

17.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf illi għas-sajf 2008, l-Iskola Primarja tal-Mellieħa ser tieħu għall-ewwel darba t-tfal ta' *Year* 3 u għalhekk il-konkorrenza li kien hemm fis-sajf ta' qabel ser tonqos. Kompla jgħid li huwa kkalkulat illi minbarra l-kordinatur jkunu meħtieġa erba' studenti universitarji għall-perjodu ta' seba' ġimgħat, bejn l-14 ta' Lulju u id-29 ta' Awissu 2008. Huwa kkalkulat li jkunu meħtieġa sitt voluntiera. F'din l-edizzjoni ser jiġi ntrodott il-kors tal-kompjuter msejjaħ *e-Tfal* għal dawk li għandhom 'il fuq minn sitt snin.

17.3. Is-Sur Fenech qal li l-ispiża hija stmata li tlaħħaq €6,818 u għalhekk huwa rrakkomanda il-ħlas għall-ewwel tifel/tifla jkun ta' €70 u €55 għat-tieni tifel/tifla fl-istess familja. L-ispejjeż jiġu koperti kemm-il darba jattendu 78 tfal li jħallsu bir-rata ta' €70 u 26 bil-€55.

17.4. Il-Kunsill approva l-ħlas rakkomandat.

**18.1. Ħarġa edukattiva (A/5/5/Vol III)**

18.2. Is-Sur R. Cutajar għarraf lill-Kunsill illi għaż-żjara li saret fil-Kwartieri Ġenerali u l-Akkademja tal-Pulizija u l-Valletta Water Front, fl-20 ta' Mejju 2008. Huwa qal li l-grupp kien jammonta għal 140 persuna u jidher li minn attenda kien kuntent bil-kontenut.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**19.1. Servizz tal-Gwardjani Lokali fil-Ħdud u l-Festi (W/3/Vol X)**

19.2. Is-Sindku għarraf li wara esperiment li sar nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju 2008, f'Għajn Tuffieħa, irriżulta li l-preżenza tal-Gwardjani Lokali kienet effettiva ħafna biex ġiet evitata konġestjoni kaġunata bil-*parking* bl-addoċċ. Għal din ir-raġunu huwa jirrakkomanda li dan is-servizz jibqa' għaddej fil-ħdud u l-festi, għaliex ma jidhirx li ser ikun ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill. Is-Sur Cutajar qal li r-rondi għandhom jkunu mifruxa f'postijiet oħra li jiffrekwenta l-pubbliku fil-jiem imsemmija.

19.3. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Ġunju 2008 fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**